SAN LAWRENZ

Il-minuti tal-wiehed u erbghin laqgha tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nzammet nhar il-Hamis 20 ta' Marzu 2014 fil-5:00 ta' filghaxija fl-ufficcju tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Anthony Formosa |
| Vici Sindku: | Anthony Cassar |
| Kunsilliera: | John Mercieca |
| | Mikelina Mercieca |
| | Rose Vella |
| Segretarju Ezekuttiv: | Lucienne Haber |
| Ambaxxatur: | Jason Theuma |

1.0 Il-laqgha nbdiet b'talba u giet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u gew ikkonfermati.

**3.0 Korrispondenza**

3.1 Giet trattata l-ittra minghand is-Sur Patrick Cassar f'isem l-Assocjazzjoni tal-Gemellagg rigward it-talba li rcieva l-Kapillan ta' San Lawrenz mill-komunita' ta' Amaseno, l-kommunita' fejn fiha hemm id-demm ta' San Lawrenz, sabiex jaghmlu gemmellagg mal-lokalita' ta' San Lawrenz. Il-Kunsill qabel li tkun haga sabiha li jsir dan u ghalhekk sar qbil li ghandna nikkomunikaw ma' din il-komunita' u jibdew it-tahdidiet anke permezz tal-Assocjazzjoni tal-Gemmellagg ta' San Lawrenz.

3.2 Giet trattata l-korrispondenza minghand is-Sur Joseph Bonello tal-Agrikultura rigward il-htiega/problemi li qed igibu maghhom il-flowerbeds tad-Dwejra. Sar qbil li ghandha ssir site

inspection u naraw li jekk hemm xi uhud minn dawn il-flowerbeds li jistghu jitnehhew, ghandu jsir dan.

**4.0 Ic-Childcare Centre u l-process tar-registrar tieghu**

4.1 Saret diskussjoni rigward il-futur tac-Childcare Centre ta' San Lawrenz issa li c-Childcare Centres li huma registrati ser ikunu b'xejn ghal dawk l-ommijiet li jahdmu bil-ktieb tax-xoghol. Sabiex ic-Childcare Centre ta' San Lawrenz jigi rregistrat jinhtieg li ssir manutenzjoni ntensiva fuq ic-Centru biex jigi in-line mal-istandards tad-Dipartiment tas-Social Welfare skond l-assesment li sar minn dan id-Dipartiment.

4.2 Is-Sindku semma' li meta din il-materja giet diskussa mac-Childcare Assistants, dawn stqarrew li fil-kaz tac-Childcare ta' San Lawrenz, ftit huwa dawk it-tfal registrati li ommijiethom jahdmu bil-ktieb tax-xoghol ghalhekk gie diskuss jekk jaqbilx li l-Kunsill jidhol ghal piz finanzjarju biex jirranga c-Centru u mbaghad in-numru ta' dawk li ser jibbenifikaw mill-iskema jkun minimu hafna. F'dan ir-rigward il-Kunsill qabel li f'dan l-istadju ghandu jghaddi r-rapport lil Perit Shawn Micallef u jevalwa r-rapport u naccertaw li jekk hemm xi periklu ghat-tfal ghandhom jitrangaw minnufih.

4.3 Ghalhekk il-Kunsill iddecieda li f'dan l-istadju ma ghandux jibqa ghaddej bil-process tar-registrazzjoni u jekk jibda jkun hemm hafna talbiet biex jigi registrat, din id-decizzjoni ghandha terga tigi kkunsidrata.

**5.0 Xiri ta' ufficju tal-Kunsill**

5.1 Is-Sindku semma' li s-sidien li qed jibnu l-appartament li l-Kunsill tefa' ghajnejh fuqu qed jistennew il-konferma biex ikun jistghu jkomplu jibnuh skond il-htiega tal-ufficju. Il-Kunsilliera qablu li hu addattat peress li qieghed f'post centrali izda l-kunsillier John Mercieca semma' li huwa xorta wahda huwa tal-fehma li tinbena l-parti ta' quddiem l-iskola u fiha jigi nkluz ukoll ghassa tal-pulizija u latrina. Huwa ssugerixxa li nitolbu laqgha mas-Segretarju Parlamentari ghal Kunsilli Lokali Jose Herrera u naraw kif jista jghinna finanzjarjament.

5.2 Sar qbil li tinkiteb din l-ittra mmedjatament izda jekk nibqghu bla risposta fi ftit zmien ghandna nipprocedu bid-decizzjoni tax-xiri tal-post peress li nistghu nitilfu x-xiri tieghu.

**6.0 Ix-xoghol tal-pavimentar fi Sqaq San Lawrenz**

6.1 Waqt il-laqgha tqajjem il-fatt li hemm hafna problemi fl-isqaq ta' Triq San Lawrenz li huwa l-uniku sqaq li fadal isir. Il-problemi huma minhabba l-fatt tal-qtugh tal-linja. Saret referenza ghal fatt li issa li qed jinbnew l-appartamenti u gew irtirati l-gewwa jekk is-sid ghandu dritta ghall-esproprjazzjoni tal-art. Ingibdet l-attenzjoni ghall-parti ta' quddiem li hija forma ta'

triangolu li hija tas-Sur Joseph Grima u jekk hix suppost li titnehha jew inkella wkoll hijiex kaz ta' esproprjazzjoni. Is-Segretarja wkoll irreferiet ghal fatt li giet ikkuntatjatha mis-Sur Alfred Portelli rigward moghdija li ghandhom fl-istess sqaq u ghal fatt li jekk issa l-isqaq jitwessa' u jigi pavimentat, tintmess parti mill-moghdija taghhom u b'hekk huwa qieghed jitlob kumpens taghha.

6.2 F'dawn ic-cirkustanzi kollha l-Kunsill hass li ma ghandux jidhol fil-mertu ta' min huma s-sidien u ghandu jiehu parir ta' avukat u wkoll qabel li ghandna nimxu ma kulhadd l-istess peress li f'kazijiet ohra ta' pavimentar ta' sqaqien privati, dan ix-xoghol sar permezz ta' skrittura li tghid li l-Kunsill fl-ebda waqt ma hu qed jassorbi li l-art ser issir tieghu izda kullma qed jaghmel huwa xoghol ta' pavimentar fuqu u li l-art dejjem tibqa tas-sid.

**7.0 Ghazla tal-istima tal-online streaming**

7.1 Wara li gew evalwati l-istimi li ngabbru dwar l-online streaming tal-laqghat tal-Kunsill, sar qbil li l-ghazla ghandha taqa fuq AID Ltd ghall-prezz ta' €4890 peress li hija l-aktar wahda vantaggjuza.

**8.0 Is-servizz tal-ilma fid-Dwejra Interpretation Centre**

8.1 Is-Sindku rrefera ghal-laqgha li kellu flimkien mas-Segretarja ghand l-Avukat Jean Paul Grech u li ghaliha kien mistieden Godwin Cassar tal-Azure Restaurant. Waqt il-laqgha gie diskuss is-servizz tal-ilma ghac-Centru u s-Sur Cassar fisser kif hemm spejjes kbar biex titbattal il-fossa u spejjes meta tehel il-pompa. Fil-kuntratt hemm miktub li l-ispejjes tat-tbattil iridu jinqassmu bin-nofs. Hawnhekk s-Sur Cassar intalab jipprovdi stima tal-ispejjes involuti biex il-Kunsill jara jekk hux vijabbli li jhallas nofshom.

8.2 Il-Kunsill qabel li jekk dan jitlob cifri ezagerati, c-Centru ghalissa jibqa bla servizz tal-ilma.

**9.0 Laqgha tal-Lokalita'**

9.1 Sar qbil li l-laqgha tal-lokalita' ghandha ssir nhar il-Hamis 10 t'April 2014 fil-5:00 ta' filghaxija fl-ufficju tal-Kunsill. Il-pubbliku ghandu jigi avzat b'dan permezz ta' avviz f'kull dar.

**10.0 Youth Exchange f'Cipru – Lulju 2014**

10.1 Is-Sindku rrefera ghall-opportunita' li hemm li z-zghazagh taghna jmorru Youth Exchange f'Cipru f'Lulju li gej. Huwa semma' li peress li din l-exchange hija b'kontinwazzjoni tal-exchange li saret f'San Lawrenz f'Settembru li ghadda, huwa xieraq li tinghata preferenza lil dawk iz-zghazagh li taw is-sehem taghhom f'dik il-Youth Exchange. Sar qbil ma dan u sar qbil ukoll li s-Sindku Anthony Formosa jakkumpanjahom bhala leader.

**11.0 Materji ohra**

11.1 Saret referenza ghal fatt li bhala applikazzjoni ghal vakanza ta' ambazzatur/ambaxxattrici, dahlet applikazzjoni wahda biss minghand Renee' Formosa li ghandha 16-il sena. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jilqa' din l-applikazzjoni u jinforma lil Renee' b'din id-decizzjoni.

11.2 Il-Vici Sindku Anthony Cassar talab li ghandha tinkiteb ittra lid-Direttur Joe Portelli u kopja lil Perit Anglu Portelli sabiex id-drenagg ta' Trejqet il-Wilga ta' Gidrin jigi kkonnetjat ma' Triq San Lawrenz. Sar qbil ma dan.

11.3 Sar qbil li ghandha tinkteb ittra lil Ministeru ghal Ghawdex u Dipartiment tal-Edukazzjoni biex isir tiswija lil hajt tal-ghalqa ta' Frans Cassar peress li qed ta' kull darba jgarrab hafna hsara billi tintilef il-hamrija tieghu.

Il-laqgha ntemmet fis-7:00 ta' filghaxija.

***Anthony Formosa***

***Sindku***

***Lucienne Haber***

***Segretarju Ezekuttiv***